INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Komunikazzjoni mill-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja li jikkonċerna d-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi

(2016/C 370/03)

INVIT PUBBLIKU GĦAL KONĊESSJONI GĦALL-PROSPETTAR U L-ESPLORAZZJONI TA' DEPOŻITI TA' ŻEJT U GASS NATURALI U L-ESTRAZZJONI TA' ŻEJT U GASS NATURALI FIŻ-ŻONA TA' "WOLIN"

TAQSIMA I: BAŻI ĠURIDIKU

1. L-Artikolu 49h(2) tal-Att tal-Liġi Ġeoloġika u tal-Minjieri (Il-Ġurnal tal-Liġijiet (*Dziennik Ustaw*) 2015, il-punt 196, kif emendat);

2. Ir-Regolament tal-Kabinett tat-28 ta' Lulju 2015 dwar l-offerti għal konċessjonijiet għall-prospettar u l-esplorazzjoni ta' depożiti ta' idrokarburi u l-estrazzjoni ta' idrokarburi, u konċessjonijiet għall-estrazzjoni ta' idrokarburi (Il-Ġurnal tal-Liġijiet 2015, il-punt 1171);

3. Id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi (ĠU L 164, 30.6.1994, p. 3; Edizzjoni speċjali bil-Pollakk: Il-Kapitolu 6, il-Volum 2, p. 262).

TAQSIMA II: ENTITÀ LI QED TISTIEDEN L-OFFERTI

Isem: Il-Ministeru tal-Ambjent
Indirizz postali: ul. Wawelska 52/54, 00-922 Varsavja, il-Polonja
Tel. +48 223692-449/447; Faks +48 223692460
Sit web: www.mos.gov.pl

TAQSIMA III: SUĠĠETT TAL-PROĊEDURA

1) **it-tip ta' attivitajiet li għalihom għandha tingħata l-konċessjoni:**

Konċessjoni għall-prospettar u l-esplorazzjoni ta' depożiti ta' żejt u gass naturali u l-estrazzjoni ta' żejt u gass naturali fiż-żona ta' "Wolin", il-blokkijiet ta' konċessjoni 61, 62, 81 u 82.

2) **iż-żona li fiha għandhom jitwettqu l-attivitajiet:**

Il-konfini taż-żona koperta minn din il-proċedura ta' offerti huma ddefiniti minn linji li jgħaqqdu punti mal-koordinati li ġejjin fis-sistema ta' koordinati PL-1992:

Nru tal-Punt	X [PL-1992]	Y [PL-1992]
1	691 055,170	219 674,190
2	689 227,432	218 860,552
3	689 623,617	217 553,473
4	689 290,526	217 087,737
5	688 166,794	217 687,450
6	687 793,892	218 222,396
7	670 114,550	210 352,240
8	671 385,380	187 654,319
bejn il-punti 8 u 9, il-konfini jsegwi l-konfini tal-Istat		
9	692 809,520	188 037,310

Żona li l-konfini tagħha huma ddefiniti mil-linji li jgħaqqdu punti (1-13) mal-koordinati li ġejjin fis-sistema ta' koordinati PL-1992, hija eskluża miż-żona koperta minn din il-proċedura ta' offerti:

Nru tal-Punt	X [PL-1992]	Y [PL-1992]
1	683 138,110	200 422,060
2	681 684,100	200 077,420
3	680 280,860	198 531,930
4	680 274,370	198 132,300
5	679 655,670	195 452,370
6	679 964,720	193 611,060
7	681 966,100	193 765,850
bejn il-punti 7 u 8, il-konfini jsegwi l-linja kostali tal-Baħar Baltiku		
8	682 371,790	198 051,360
9	682 483,243	198 010,585
10	683 105,563	199 658,967
11	683 020,100	199 686,937
12	683 002,942	199 691,398
bejn il-punti 12 u 13, il-konfini jsegwi l-linja kostali tal-Baħar Baltiku		
13	683 210,446	200 143,119

L-erja tal-wiċċ tal-projezzjoni vertikali taż-żona koperta minn din il-proċedura ta' offerti, b'kunsiderazzjoni taż-żona eskluża, hija ta' 593,01 km².

Iż-żona koperta mill-proċedura ta' offerti tinsab fid-distretti u l-muniċipalitajiet li ġejjin fil-Provinċja ta' Zachodniopomorskie:

belt bi status ta' distrett: Świnoujście (23,80 % taż-żona totali),

Id-distrett ta' Kamień Pomorski, il-muniċipalitajiet ta': Międzyzdroje (15,19 %), Wolin (28,47 %), Dziwnów (1,15 %),

u fil-baħar territorjali maġenb (31,39 %).

L-għan tax-xogħlijiet li għandhom jitwettqu fil-formazzjonijiet Permjani huwa d-dokumentazzjoni u l-estrazzjoni ta' żejt u gass naturali fiż-żona deskritta hawn fuq.

3) **il-limitu ta' żmien, mhux inqas minn 90 jum mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż, u l-post għas-sottomissjoni tal-offerti:**

L-offerti jridu jiġu sottomessi lill-kwartieri ġenerali tal-Ministeru tal-Ambjent mhux iktar tard mill-16.00 CET/CEST fl-aħħar jum tal-perjodu ta' 91 jum li jibda fil-jum wara d-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

4) **l-ispeċifikazzjonijiet dettaljati tal-offerti, inklużi l-kriterji tal-evalwazzjoni tal-offerti u speċifikazzjoni tal-ippeżar tagħhom, biex jiġi żgurat li l-kondizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 49k tal-Att tal-Liġi Ġeoloġika u tal-Minjieri tad-9 ta' Ġunju 2011 huma miksuba:**

L-offerti jistgħu jiġu sottomessi minn entitajiet li dwarhom tkun inħarġet deċiżjoni li tikkonferma r-riżultat pożittiv ta' proċedura ta' kwalifika, kif previst fl-Artikolu 49a(16)(1) u (2) tal-Att tal-Liġi Ġeoloġika u tal-Minjieri, b'mod indipendenti, jew bħala l-operatur jekk ikunu qed japplikaw bosta entitajiet b'mod konġunt għall-konċessjoni.

L-offerti li jaslu jiġu evalwati mill-kumitat tal-evalwazzjoni tal-offerti abbażi tal-kriterji li ġejjin:

30 %: il-kapaċitajiet finanzjarji li joffru garanzija adegwata li l-attivitajiet marbutin mal-prospettar u l-esplorazzjoni ta' depożiti ta' idrokarburi u mal-estrazzjoni ta' idrokarburi rispettivament, jitwettqu u b'mod partikolari s-sorsi u l-metodi tal-finanzjament tal-attivitajiet previsti, inkluż is-sehem ta' fondi proprji u ta' finanzjament estern;

25 %: il-kapaċitajiet tekniċi għall-prospettar u l-esplorazzjoni ta' depożiti ta' idrokarburi u l-estrazzjoni ta' idrokarburi, rispettivament, u b'mod partikolari d-disponibbiltà ta' potenzjal xieraq tar-riżorsi tekniċi, organizzattivi, loġistiċi u umani;

20 %: il-kamp ta' applikazzjoni u l-iskedar tax-xogħlijiet ġeoloġiċi, inklużi l-operazzjonijiet ġeoloġiċi, jew l-operazzjonijiet ta' tħaffir proposti;

10 %: l-esperjenza fil-prospettar u l-esplorazzjoni tad-depożiti tal-idrokarburi jew l-estrazzjoni ta' idrokarburi, biex jiġu żgurati l-operat sikur, il-protezzjoni tal-ħajja u s-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, u l-protezzjoni tal-ambjent;

10 %: it-teknoloġija proposta għat-twettiq ta' xogħlijiet ġeoloġiċi, inklużi operazzjonijiet ġeoloġiċi, jew operazzjonijiet ta' tħaffir, bl-użu ta' elementi innovattivi żviluppati għal dan il-proġett;

5 %: il-kamp ta' applikazzjoni u l-iskedar tal-ġbir obbligatorju tal-kampjuni miksubin waqt l-operazzjonijiet ġeoloġiċi, inklużi t-tħaffir għal mases ċilindriċi.

Jekk, wara l-evalwazzjoni tal-offerti abbażi tal-kriterji speċifikati hawn fuq, żewġ offerti jew iktar jiksbu l-istess punteġġ, l-ammont tat-tariffa għall-istabbiliment tad-drittijiet tal-użufrutt tal-minjieri dovuta waqt il-fażi tal-prospettar u l-esplorazzjoni jintuża bħala kriterju addizzjonali li jippermetti għażla finali bejn l-offerti kkonċernati.

5) **kamp ta' applikazzjoni minimu tal-informazzjoni ġeoloġika:**

Dejta tal-konċessjoni	isem iż-żona: Wolin post: lil hinn mill-kosta u fuq l-art; il-blokkijiet ta' konċessjoni 61, 62, 81 u 82
Tip ta' depożitu	depożiti taż-żejt u ta' gass naturali konvenzjonali
Livelli strutturali	Ċenożojku Permo-Mesożojku Paleożojku
Sistemi taż-żejt mhux maħdum	I — Paleożojku Superjuri (Karboniferu + Rotliegend) II — Zechstein (Dolomiti Ewlenin)
Blat ta' sors	I — Sedimenti karboniferi Superjuri II — Formazzjonijiet tad-Dolomiti Ewlenin
Blat ġibjun	I — ġebel ramli, ġebel tat-tajn u konglomerati tar-Rotliegend II — Formazzjonijiet tad-Dolomiti Ewlenin
Blat ta' siġill	I — evaporati ta' Zechstein; sedimenti ta' Rotliegend taħli f'ċerti postijiet II — formazzjonijiet tad-Dolomiti Ewlenin, evaporati ta' Zechstein
Il-ħxuna tal-piż żejjed	I — minn 2 700 m fis-settur E sa 2 900-3 100 m f'setturi oħrajn II — minn 2 400 m fis-settur E sa 2 750-2 850 m f'setturi oħrajn
Tip ta' nassa	I — massiva II — strutturali

Depożiti identifikati fil-viċinat (NG — gass naturali; O — żejt)	Kamień Pomorski (O) — skopert fl-1972; produzzjoni kumulattiva: 1 912 290 tunnellata; produzzjoni fl-2014: 2 130 tunnellata; riżervi u riżorsi: 12 700 tunnellata (industrijali: 12 270 tunnellata) (NG assoċjat) — produzzjoni kumulattiva: 268,82 miljun m³; produzzjoni fl-2014: 380 000 m³; riżervi u riżorsi: 10,39 miljun m³ (industrijali: l-ebda produzzjoni) Rekowo (O) — skopert fl-1994; produzzjoni kumulattiva: 13 420 tunnellata; produzzjoni fl-2014: 540 tunnellata; riżervi u riżorsi: 2 270 tunnellata (industrijali: l-ebda produzzjoni) (NG assoċjat) — produzzjoni kumulattiva: 1 980 000 m³; produzzjoni fl-2014: 60 000 m³; riżervi u riżorsi: 380 000 m³ (industrijali: l-ebda produzzjoni) Błotno (O) — skopert fl-1985; produzzjoni kumulattiva 36 580 tunnellata; produzzjoni fl-2014: 530 tunnellata; riżervi u riżorsi: 9 790 tunnellata (industrijali: 9 760 tunnellata) (NG assoċjat) — produzzjoni kumulattiva: 7 760 000 m³; produzzjoni fl-2014: 50 000 m³; riżervi u riżorsi: 2 110 000 m³ (industrijali: l-ebda produzzjoni) Wysoka Kamieńska (O) — skopert fl-1980; produzzjoni kumulattiva: 404 330 tunnellata; produzzjoni fl-2014: 4 130 tunnellata; riżervi u riżorsi: 27 750 tunnellata (industrijali: 27 730 tunnellata) (NG assoċjat) — produzzjoni kumulattiva: 28 090 000 m³; produzzjoni fl-2014: 310 000 m³; riżervi u riżorsi: 3 590 000 m³ (industrijali: 2 120 000 m³) Międzyzdroje (O) — sfruttat bejn l-1971 u l-1994; produzzjoni kumulattiva tul 24 sena: 41 890 tunnellata (NG assoċjat) — produzzjoni kumulattiva tul 24 sena: 12 140 000 m³; Wrzosowo (NG) — skopert fl-1975; mhux sfruttat; riżervi u riżorsi: 600 000 000 m³; Międzyzdroje W (NG) — skopert fl-1990; mhux sfruttat; riżervi u riżorsi: 300 000 000 m³; Międzyzdroje E (NG) — skopert fl-1990; mhux sfruttat; riżervi u riżorsi: 300 000 000 m³; Przytór (NG) — skopert fl-1990; mhux sfruttat; riżervi u riżorsi: 360 000 000 m³.
Stħarriġ sismiku lest (proprjetarju)	stħarriġ sismiku analogu 1962-1971 (It-Teżor tal-Istat)
Bjar ta' referenza (TVD)	Kamień Pomorski IG-1 (2 810,5 m), Przytór 3 (3 083,0 m), Wolin IG-1 (2 819,1 m)

6) **data tal-bidu tal-attivitajiet:**

L-attivitajiet koperti mill-konċessjoni se jibdew fi żmien 14-il jum mid-data li fiha d-deċiżjoni li tagħti l-konċessjoni ssir finali.

7) **il-kondizzjonijiet għall-għoti tal-konċessjoni, b'mod partikolari dwar l-ammont, il-kamp ta' applikazzjoni u l-mod li bih tiġi pprovduta s-sigurtà skont l-Artikolu 49x(1) tal-Att tal-Liġi Ġeoloġika u tal-Minjieri u, meta jkun iġġustifikat, l-ammont, il-kamp ta' applikazzjoni u l-mod tal-provvista ta' sigurtà kif imsemmi fl-Artikolu 49x(2) ta' dak l-Att:**

L-offerent rebbieħ ikun meħtieġ jipprovdi sigurtà li tkopri n-nuqqas ta' konformità jew konformità mhux adegwata mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-konċessjoni u għall-finanzjament tal-għeluq tax-xogħlijiet fil-minjieri jekk il-konċessjoni tiskadi, tiġi rtirata jew issir invalida. Din is-sigurtà trid tiġi pprovduta għall-perjodu mid-data li fiha l-konċessjoni tingħata sal-aħħar tal-fażi tal-prospettar u l-esplorazzjoni. L-ammont tas-sigurtà huwa ta' PLN 100 000. Il-forma u d-data tal-pagament tagħha jiġu rregolati bl-Artikolu 49x(4) u (5) tal-Att tal-Liġi Ġeoloġika u tal-Minjieri.

8) **kamp ta' applikazzjoni minimu tax-xogħlijiet ġeoloġiċi, inklużi operazzjonijiet ġeoloġiċi, jew operazzjonijiet ta' tħaffir:**

Il-programm minimu ta' xogħlijiet ġeoloġiċi proposti għall-fażi tal-prospettar u tal-esplorazzjoni jinkludi:

Dewmien tal-Istadju I: 12-il xahar

kamp ta' applikazzjoni: l-interpretazzjoni u l-analiżi tad-dejta ġeoloġika tal-arkivju

Dewmien tal-Istadju II: 12-il xahar

kamp ta' applikazzjoni: it-twettiq ta' stħarriġ sismiku 2D (100 km)

Dewmien tal-Istadju III: 24 xahar

kamp ta' applikazzjoni: it-tħaffir ta' toqba għat-tiftix taż-żejt ta' fond massimu ta' 3 500 m, bi tħaffir obbligatorju ta' intervalli prospettivi

Dewmien tal-Istadju IV: 12-il xahar

kamp ta' applikazzjoni: analiżi tad-dejta miksuba

9) **perjodu li għalih għandha tingħata l-konċessjoni:**

Il-perjodu tal-konċessjoni huwa ta' 10 snin, inkluż:

— fażi tal-prospettar u tal-esplorazzjoni ta' dewmien ta' ħames snin, li tiskorri mid-data li fiha tingħata l-konċessjoni,

— fażi tal-estrazzjoni, li tiskorri mid-data li fiha tinkiseb id-deċiżjoni ta' investiment.

10) **kondizzjonijiet speċifiċi għat-twettiq tal-attivitajiet u biex jiġu żgurati s-sikurezza pubblika, is-saħħa pubblika, il-protezzjoni ambjentali u l-ġestjoni razzjonali tad-depożiti:**

L-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma tal-konċessjoni m'għandhiex tikser id-drittijiet tal-proprjetarji tal-art u ma teliminax il-ħtieġa għal konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni, b'mod partikolari l-Att tal-Liġi Ġeoloġika u tal-Minjieri, l-Att dwar iż-żoni marini tar-Repubblika tal-Polonja u l-amministrazzjoni marittima u l-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent Marin taż-Żona tal-Baħar Baltiku, u r-rekwiżiti dwar l-użu tal-art, il-protezzjoni ambjentali, l-art agrikola u l-foresti, in-natura, l-ilmijiet u l-iskart.

11) **ftehim mudell dwar l-istabbiliment ta' drittijiet tal-użufrutt tal-minjieri:**

Il-ftehim mudell huwa mehmuż bħala anness ma' dan id-dokument.

12) **informazzjoni dwar l-ammont tat-tariffa għall-istabbiliment tad-drittijiet tal-użufrutt tal-minjieri:**

L-ammont minimu tat-tariffa għall-istabbiliment tad-drittijiet tal-użufrutt tal-minjieri għaż-żona ta' "Wolin" waqt il-perjodu bażi ta' ħames snin huwa ta' PLN 126 026,49 (bil-kliem: mija u sitta u għoxrin elf u sitta u għoxrin zlotys u 49 grosz) kull sena. It-tariffa annwali għall-istabbiliment ta' drittijiet tal-użufrutt tal-minjieri għall-prospettar u l-esplorazzjoni ta' minerali hija indiċjata biex tilħaq il-medja tal-indiċi annwali tal-prezzijiet stabbiliti b'mod kumulattiv għall-perjodu li jiskorri mill-konklużjoni tal-ftehim sas-sena preċedenti għad-data tal-ħlas tat-tariffa, kif imħabbar mill-President tal-Uffiċċju Ċentrali tal-Istatistika fil-*Monitor Polski* (Gazzetta Uffiċjali) (l-Artikolu 49h(3)(12) tal-Att tal-Liġi Ġeoloġika u tal-Minjieri).

13) **informazzjoni dwar ir-rekwiżiti li għandhom jintlaħqu mill-offerti u d-dokumenti meħtieġa mill-offerenti:**

1. Jeħtieġ li l-offerti jispeċifikaw:

   1) l-isem (l-isem kummerċjali) u l-uffiċċju rreġistrat tal-offerent;

   2) is-suġġett tal-offerta, flimkien ma' deskrizzjoni li tiddefinixxi ż-żona li fiha għandha tingħata l-konċessjoni u d-drittijiet tal-użufrutt tal-minjieri għandhom jiġu stabbiliti;

   3) il-perjodu li għalih tingħata l-konċessjoni, id-dewmien tal-fażi tal-prospettar u tal-esplorazzjoni u d-data tal-bidu tal-attivitajiet;

   4) l-għan, il-kamp ta' applikazzjoni u n-natura tax-xogħlijiet ġeoloġiċi, inklużi l-operazzjonijiet ġeoloġiċi, jew l-operazzjonijiet ta' tħaffir u informazzjoni dwar ix-xogħlijiet li għandhom jitwettqu biex jintlaħaq l-objettiv maħsub u t-teknoloġiji li għandhom jintużaw;

   5) skeda taż-żmientax-xogħlijiet ġeoloġiċi, inklużi l-operazzjonijiet ġeoloġiċi, u l-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ix-xogħlijiet;

   6) il-kamp ta' applikazzjoni u l-iskeda taż-żmien tal-ġbir obbligatorju tal-kampjuni miksubin waqt l-operazzjonijiet ġeoloġiċi, inklużi tħaffir għal mases ċilindriċi, kif imsemmi fl-Artikolu 82(2)(2) tal-Att tal-Liġi Ġeoloġika u tat-Tħaffir;

   7) id-drittijiet miżmumin mill-offerent għall-proprjetà immobbli (żona) li fiha huwa maħsub li jitwettqu l-attivitajiet, jew id-dritt għall-istabbiliment li għalih tkun qiegħda tapplika din l-entità;

   8) lista taż-żoni koperti minn skemi ta' konservazzjoni naturali; dan ir-rekwiżit ma jikkonċernax il-proġetti li għalihom tkun meħtieġa deċiżjoni dwar il-kondizzjonijiet ambjentali;

   9) il-mod li bih l-impatti ambjentali avversi tal-attivitajiet maħsubin għandhom jiġu bbilanċjati;

10) il-kamp ta' applikazzjoni tal-informazzjoni ġeoloġika disponibbli għall-offerent;

11) l-esperjenza fil-prospettar u l-esplorazzjoni ta' depożiti tal-idrokarburi jew l-estrazzjoni ta' idrokarburi, biex jiġu żgurati l-operat sikur, il-protezzjoni tal-ħajja u s-saħħa tal-bniedem u l-annimali, u l-protezzjoni tal-ambjent;

12) il-kapaċitajiet tekniċi għall-prospettar u l-esplorazzjoni ta' depożiti ta' idrokarburi u l-estrazzjoni ta' idrokarburi, rispettivament, u b'mod partikolari d-disponibbiltà ta' potenzjal xieraq tar-riżorsi tekniċi, organizzattivi, loġistiċi u umani;

13) il-kapaċitajiet finanzjarji li joffru garanzija adegwata li l-attivitajiet marbutin mal-prospettar u l-esplorazzjoni ta' depożiti ta' idrokarburi u l-estrazzjoni ta' idrokarburi rispettivament, jitwettqu, u b'mod partikolari s-sorsi u l-metodi tal-finanzjament tal-attivitajiet previsti, inkluż is-sehem ta' fondi proprji u ta' finanzjament estern;

14) it-teknoloġija proposta għat-twettiq tax-xogħlijiet ġeoloġiċi, inklużi operazzjonijiet ġeoloġiċi, jew operazzjonijiet ta' tħaffir;

15) l-ammont propost tat-tariffa għall-istabbiliment tad-drittijiet tal-użufrutt tal-minjieri, li m'għandhiex tkun inqas mill-ammont speċifikat fl-avviż li jniedi l-proċedura ta' offerti;

16) il-forma proposta għat-tnedija tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 49x(4) tal-Att tal-Liġi Ġeoloġika u tal-Minjieri;

17) jekk offerta tiġi sottomessa b'mod konġunt minn bosta entitajiet, trid tispeċifika b'mod addizzjonali:

a) l-ismijiet (l-ismijiet kummerċjali) u l-uffiċċji rreġistrati tal-entitajiet kollha li qed jissottomettu l-offerta;

b) l-operatur;

c) l-ishma perċentwali fl-ispejjeż tax-xogħlijiet ġeoloġiċi, inklużi l-operazzjonijiet ġeoloġiċi, proposti fil-ftehim ta' kooperazzjoni.

2. L-offerti sottomessi fi proċedura ta' offerti jeħtieġ li jissodisfaw ir-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-avviż tat-tnedija ta' dik il-proċedura ta' offerti.

3. Id-dokumenti li ġejjin għandhom jiġu inklużi mal-offerti:

1) evidenza tal-eżistenza taċ-ċirkostanzi deskritti fl-offerta, b'mod partikolari l-estratti mir-reġistri rilevanti;

2) prova li d-depożitu jkun sar;

3) kopja tad-deċiżjoni li tikkonferma r-riżultat pożittiv ta' proċedura ta' kwalifika, kif previst fl-Artikolu 49a(17) tal-Att tal-Liġi Ġeoloġika u tal-Minjieri;

4) annessi grafiċi mħejjijin skont ir-rekwiżiti li jirrigwardaw il-mapep tat-tħaffir, li jindikaw il-konfini amministrattivi tal-pajjiż;

5) impenji bil-miktub dwar id-disponibbiltà tar-riżorsi tekniċi għall-entità li tieħu parti fil-proċedura ta' offerti jekk jintużaw ir-riżorsi tekniċi ta' entitajiet oħrajn fl-implimentazzjoni tal-konċessjoni;

6) żewġ kopji tal-fajl tal-proġett tal-operazzjonijiet ġeoloġiċi.

4. L-offerenti jistgħu, minn jeddhom, jipprovdu informazzjoni addizzjonali fl-offerti tagħhom jew jehmżu dokumenti addizzjonali magħhom.

5. Id-dokumenti sottomessi mill-offerenti għandhom ikunu oriġinali jew kopji awtentiċi ċċertifikati tal-oriġinali kif previst fil-Kodiċi tal-Proċedura Amministrattiva. Dan ir-rekwiżit ma japplikax għall-kopji ta' dokumenti li għandhom jiġu mehmużin mal-offerti u li nħolqu mill-awtorità tal-konċessjoni.

6. Id-dokumenti mfasslin b'lingwa barranija jeħtieġ li jiġu sottomessi flimkien ma' traduzzjoni bil-Pollakk minn traduttur taħt ġurament.

7. L-offerti jridu jiġu sottomessi f'envelopp issiġillat jew f'pakkett issiġillat li jkollu fuqu l-isem (l-isem kummerċjali) tal-offerent u jindika s-suġġett tal-proċedura ta' offerti.

8. L-offerti sottomessi wara l-iskadenza tal-limitu ta' żmien għas-sottomissjoni ta' offerti jiġu rritornati lill-offerenti mingħajr ma jinfetħu.

14) **informazzjoni dwar il-mod ta' sottomissjoni ta' depożitu, l-ammont tad-depożitu u d-data tal-ħlas:**

L-offerenti huma meħtieġa jissottomettu depożitu ta' PLN 1 000 (bil-kliem: elf zloty) qabel l-iskadenza tal-limitu ta' żmien għas-sottomissjoni tal-offerti.

TAQSIMA IV: INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA

IV.1) **Kumitat tal-evalwazzjoni tal-offerti**

Jinħatar kumitat tal-evalwazzjoni tal-offerti mill-awtorità tal-konċessjoni sabiex titwettaq il-proċedura ta' offerti u tintgħażel l-offerta l-aktar vantaġġjuża. Il-kompożizzjoni u r-regoli tal-proċedura tal-kumitat huma speċifikati fir-Regolament tal-Kabinett tat-28 ta' Lulju 2015 dwar il-proċeduri tal-offerti għal konċessjoni għall-prospettar u l-esplorazzjoni ta' depożiti ta' idrokarburi u l-estrazzjoni ta' idrokarburi, u għal konċessjonijiet għall-estrazzjoni ta' idrokarburi (Il-Ġurnal tal-Liġijiet 2015, il-punt 1171). Il-kumitat tal-evalwazzjoni tal-offerti jissottometti rapport dwar il-proċedura ta' offerti lill-awtorità tal-konċessjoni għal approvazzjoni. Flimkien mal-offerti u d-dokumenti kollha relatati mal-proċedura ta' offerti, ir-rapport huwa miftuħ għal entitajiet oħrajn li jissottomettu offerti.

IV.2) **Spjegazzjonijiet addizzjonali**

Fi żmien sebat ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż, entità interessata tista' titlob lill-awtorità tal-konċessjoni biex jiġu pprovduti spjegazzjonijiet dwar l-ispeċifikazzjonijiet dettaljati tal-offerta. Fi żmien sebat ijiem mill-irċevuta tat-talba, l-awtorità tal-konċessjoni tippubblika l-ispjegazzjonijiet fil-*Biuletyn Informacji Publicznej* (Il-Bulettin tal-Informazzjoni Pubblika), fil-paġna tal-uffiċċju amministrattiv subordinat għal dik l-awtorità.

IV.3) **Informazzjoni addizzjonali**

Informazzjoni sħiħa dwar iż-żona koperta mill-proċedura ta' offerti ġiet ikkompilata mis-Servizz Ġeoloġiku Pollakk fil-*Pakiet danych geologicznych* (il-Pakkett tad-Dejta Ġeoloġika), disponibbli fuq is-sit web tal-Ministeru tal-Ambjent (www.mos.gov.pl) u mill-

Departament Geologii i Koncesji Geologicznych (Id-Dipartiment tal-Ġeoloġija u tal-Konċessjonijiet Ġeoloġiċi)
Ministerstwo Środowiska (Il-Ministeru tal-Ambjent)
ul. Wawelska 52/54
00-922 Warszawa
POLSKA
Tel. +48 223692449
Faks +48 223692460

ANNESS

FTEHIM

li jistabbilixxi drittijiet ta' użufrutt tal-minjieri għall-prospettar u l-esplorazzjoni ta' depożiti ta' żejt u gass naturali u l-estrazzjoni ta' żejt u gass naturali fiż-żona ta' "Wolin"

konkluż f'Varsavja fi ..... 2016 bejn:

it-Teżor tal-Istat, irrappreżentat mill-Ministru għall-Ambjent, li għalih u f'ismu s-Sur Mariusz Orion Jędrysek, is-Segretarju tal-Istat fil-Ministeru tal-Ambjent u l-Ġeologu Ewlieni tal-Polonja, qed jaġixxi skont il-prokura Nru 5 tas-27 ta' Jannar 2016, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ it-"Teżor tal-Istat"

u

XXX, li għandu l-uffiċċju rreġistrat tiegħu fi: ..... (indirizz sħiħ) .....

minn hawn 'il quddiem imsejjaħ id-"Detentur tad-Drittijiet tal-Użufrutt tal-Minjieri",

bil-kliem li ġej:

Taqsima 1

1. It-Teżor tal-Istat, bħala proprjetarju esklużiv tas-substrata tas-saff ta' fuq tad-Dinja li jkopri ż-żona fl-ibliet u l-muniċipalitajiet ta' Międzyzdroje, Wolin u Dziwnów u l-belt ta' Świnoujście fil-Provinċja ta' Zachodniopomorskie, u fiż-żona tal-baħar territorjali maġenb, li l-konfini tiegħu huma ddefiniti b'linji li jgħaqqdu l-punti (1 sa 9) u li għandhom il-koordinati li ġejjin fis-sistema ta' koordinati PL-1992:

Nru	Koordinati	
	X	Y
1	691 055,170	219 674,190
2	689 227,432	218 860,552
3	689 623,617	217 553,473
4	689 290,526	217 087,737
5	688 166,794	217 687,450
6	687 793,892	218 222,396
7	670 114,550	210 352,240
8	671 385,380	187 654,319
bejn il-punti 8 u 9, il-limitu jsegwi l-konfini tal-Istat		
9	692 809,520	188 037,310

bl-esklużjoni ta' żona li l-konfini tagħha huma ddefiniti mil-linji li jgħaqqdu l-punti (1-13) bil-koordinati li ġejjin fis-sistema ta' koordinati PL-1992:

Nru	Koordinati	
	X	Y
1	683 138,110	200 422,060
2	681 684,100	200 077,420

Nru	Koordinati	
	X	Y
3	680 280,860	198 531,930
4	680 274,370	198 132,300
5	679 655,670	195 452,370
6	679 964,720	193 611,060
7	681 966,100	193 765,850
bejn il-punti 7 u 8, il-konfini jsegwi l-linja kostali tal-Baħar Baltiku		
8	682 371,790	198 051,360
9	682 483,243	198 010,585
10	683 105,563	199 658,967
11	683 020,100	199 686,937
12	683 002,942	199 691,398
bejn il-punti 12 u 13, il-konfini jsegwi l-linja kostali tal-Baħar Baltiku		
13	683 210,446	200 143,119

b'dan jistabbilixxi d-drittijiet tal-użufrutt tal-minjieri għad-Detentur tad-Drittijiet tal-Użufrutt tal-minjieri fiż-żona deskritta hawn fuq, limitata minn fuq mill-konfini t'isfel tal-proprjetajiet tal-art tal-wiċċ u minn taħt mis-sediment tal-formazzjonijiet Permjani, bil-kondizzjoni li d-Detentur tad-Drittijiet tal-Użufrutt tal-Minjieri jikseb konċessjoni għall-prospettar u l-esplorazzjoni tad-depożiti ta' żejt u tal-gass naturali u l-estrazzjoni ta' żejt u ta' gass naturali fiż-żona ta' "Wolin" fi żmien sena mid-data tal-ftehim li jistabbilixxi d-drittijiet tal-użufrutt tal-minjieri.

2. Jekk il-kondizzjoni tal-ksib tal-konċessjoni msemmija fil-paragrafu 1 ma tintlaħaqx, l-obbligi li jinħolqu skont il-ftehim għandhom jiskadu.

3. Fiż-żona tal-massa ta' blat speċifikata fil-paragrafu 1, id-Detentur tad-Drittijiet tal-Użufrutt tal-Minjieri jista':

   1. fil-formazzjonijiet Permjani, iwettaq attivitajiet marbutin mal-prospettar u l-esplorazzjoni tad-depożiti ta' żejt u ta' gass naturali u l-estrazzjoni ta' żejt u ta' gass naturali; u

   2. fil-bqija taż-żona, iwettaq kwalunkwe xogħol u attività meħtieġa sabiex jikseb aċċess għall-formazzjonijiet Permjani.

4. L-erja tal-wiċċ tal-projezzjoni vertikali taż-żona deskritta hawn fuq hija ta' 593,01 km^2.

Taqsima 2

1. Il-ftehim li jistabbilixxi d-drittijiet tal-użufrutt tal-minjieri għandu jsir effettiv fid-data li fiha tinkiseb il-konċessjoni.

2. Id-drittijiet tal-użufrutt tal-minjieri għandhom jiġu stabbiliti għal perjodu ta' 10 snin, inklużi ħames snin għall-fażi ta' prospettar u esplorazzjoni u ħames snin għall-fażi tal-estrazzjoni, soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 9.

3. Id-drittijiet tal-użufrutt tal-minjieri għandhom jiskadu fid-data li fiha tintemm il-konċessjoni.

Taqsima 3

1. Id-drittijiet tal-użufrutt tal-minjieri jintitolaw lid-Detentur tad-Drittijiet tal-Użufrutt tal-Minjieri li juża ż-żona speċifikata fit-Taqsima 1 fuq bażi esklużiva għall-prospettar u l-esplorazzjoni ta' depożiti ta' żejt u gass naturali u l-estrazzjoni ta' żejt u gass naturali fiż-żona ta' "Wolin", kif ukoll għat-twettiq tal-operazzjonijiet u l-attivitajiet meħtieġa kollha għal dan l-għan fiż-żona skont il-leġiżlazzjoni fis-seħħ, b'mod partikolari l-Att tal-Liġi Ġeoloġika u tal-Minjieri tad-9 ta' Ġunju 2011 (Il-Ġurnal tal-Liġijiet (*Dziennik Ustaw*) 2015, il-punt 196, kif emendat), minn hawn 'il quddiem imsejjaħ bħala l-"Att tal-Liġi Ġeoloġika u tal-Minjieri", u d-deċiżjonijiet maħruġin skont dan. Waqt il-fażi tal-prospettar u -esplorazzjoni, id-Detentur tad-Drittijiet tal-Użufrutt tal-minjieri jista' jiżviluppa l-minerali esplorati biss sal-punt meħtieġ biex titfassal dokumentazzjoni ġeoloġika u ta' investiment.

2. Id-Detentur tad-Drittijiet tal-Użufrutt tal-Minjieri jimpenja ruħu li jinnotifika lit-Teżor tal-Istat bil-miktub bi kwalunkwe tibdil li jirriżulta f'bidla tal-isem jew tal-forma organizzattiva, f'tibdil fin-numri tar-reġistrazzjoni u l-identifikazzjoni, f'żidiet jew tnaqqis fil-kapital azzjonarju, fi trasferiment tal-konċessjoni lejn entità oħra bl-operat tal-liġi, fit-tressiq ta' petizzjoni ta' falliment, f'dikjarazzjoni ta' falliment, f'bidu ta' proċedimenti ta' arranġament jew bidu ta' proċedimenti ta' likwidazzjoni. It-Teżor tal-Istat jista' jeħtieġ li f'dawn il-każijiet jiġu pprovduti l-ispjegazzjonijiet meħtieġa. In-notifika għandha ssir fi żmien 30 jum mid-data li fiha ċ-ċirkostanzi msemmijin hawn fuq iseħħu.

Taqsima 4

Il-ftehim għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' partijiet terzi, b'mod partikolari l-proprjetarji tal-art, u d-Detentur tad-Drittijiet tal-Użufrutt tal-Minjieri m'għandux ikun eżenti mill-ħtieġa li jikkonforma mar-rekwiżiti previsti bil-liġi, b'mod partikolari dawk marbutin mall-prospettar u l-esplorazzjoni ta' minerali u l-protezzjoni u l-użu ta' riżorsi ambjentali.

Taqsima 5

Fiż-żona msemmija fit-Taqsima 1(1) it-Teżor tal-Istat jirriżerva d-dritt li jistabbilixxi drittijiet tal-użufrutt tal-minjieri sabiex jitwettqu attivitajiet għajr dawk speċifikati fil-ftehim, b'mod li ma jiksirx id-drittijiet tad-Detentur tad-Drittijiet tal-Użufrutt tal-Minjieri.

Taqsima 6

1. Id-Detentur tad-Drittijiet tal-Użufrutt tal-Minjieri għandu jħallas it-tariffa li ġejja lit-Teżor tal-Istat għad-drittijiet tal-użufrutt tal-minjieri fiż-żona speċifikata fit-Taqsima 1(1) waqt il-fażi tal-prospettar u l-esplorazzjoni ta' ħames snin għal kull sena ta' użufrutt tal-minjieri (li jingħaddu bħala 12-il xahar konsekuttiv):

   (a) PLN ..... (*ammont*)*(fi kliem:* ..... zlotys) għall-ewwel sena tal-użufrutt, li tibda tiskorri mid-data li fiha l-ftehim ikun daħal fis-seħħ, li jrid jitħallas fi żmien 30 jum mill-bidu tas-sena tal-użufrutt tal-minjieri kkonċernata;

   (b) PLN ..... (*ammont*)*(fi kliem:* ..... zlotys) għat-tieni sena tal-użufrutt, li tibda tiskorri mid-data li fiha l-ftehim ikun daħal fis-seħħ, li jrid jitħallas fi żmien 30 jum mill-bidu tas-sena tal-użufrutt tal-minjieri kkonċernata;

   (c) PLN ..... (*ammont*)*(fi kliem:* ..... zlotys) għat-tielet sena tal-użufrutt, li tibda tiskorri mid-data li fiha l-ftehim ikun daħal fis-seħħ, li jrid jitħallas fi żmien 30 jum mill-bidu tas-sena tal-użufrutt tal-minjieri kkonċernata;

   (d) PLN ..... (*ammont*)*(fi kliem:* ..... zlotys) għar-raba' sena tal-użufrutt, li tibda tiskorri mid-data li fiha l-ftehim ikun daħal fis-seħħ, li jrid jitħallas fi żmien 30 jum mill-bidu tas-sena tal-użufrutt tal-minjieri kkonċernata;

   (e) PLN ..... (*ammont*)*(fi kliem:* ..... zlotys) għall-ħames sena tal-użufrutt, li tibda tiskorri mid-data li fiha l-ftehim ikun daħal fis-seħħ, li jrid jitħallas fi żmien 30 jum mill-bidu tas-sena tal-użufrutt tal-minjieri kkonċernata;

   - soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2.

2. Jekk id-data tal-ħlas tat-tariffa dovuta għal sena partikolari ta' użufrutt tal-minjieri tkun bejn l-1 ta' Jannar u l-1 ta' Marzu, id-Detentur tad-Drittijiet tal-Użufrutt tal-minjieri għandu jħallas it-tariffa sal-1 ta' Marzu. Madankollu, jekk it-tariffa hija soġġetta għal indiċjar skont il-paragrafi 3 sa 5, id-Detentur tad-Drittijiet tal-Użufrutt tal-Minjieri għandu jħallasha mhux iktar kmieni mid-data li fiha l-indiċi msemmi fil-paragrafu 3 jitħabbar, wara li jiġi kkunsidrat dak l-indiċi.

3. It-tariffa speċifikata fil-paragrafu 1 għandha tiġi indiċjata biex tilħaq il-medja tal-indiċi annwali tal-prezzijiet tal-konsumaturi stabbiliti għall-perjodu li jiskorri mill-konklużjoni tal-ftehim sas-sena preċedenti għall-ħlas tat-tariffa, kif imħabbar mill-President tal-Uffiċċju Ċentrali tal-Istatistika fil-*Monitor Polski* (Il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tal-Polonja).

4. Jekk id-data għall-ħlas tat-tariffa taqa' fl-istess sena kalendarja bħal dik li fiha jkun ġie konkluż il-ftehim, it-tariffa m'għandhiex tiġi indiċjata.

5. Jekk il-ftehim jiġi konkluż u jidħol fis-seħħ fis-sena preċedenti għas-sena li tinkludi d-data għall-ħlas tat-tariffa, it-tariffa m'għandhiex tiġi indiċjata jekk id-Detentur tad-Drittijiet tal-Użufrutt tal-Minjieri iħallasha sal-aħħar tas-sena kalendarja li fiha jiġi konkluż u jidħol fis-seħħ il-ftehim.

6. Jekk id-Detentur tad-Drittijiet tal-Użufrutt tal-Minjieri jitlef id-drittijiet tal-użufrutt tal-minjieri stabbiliti skont il-ftehim qabel mal-limitu ta' żmien speċifikat fit-Taqsima 2(1) u (2) jiskadi, id-Detentur tad-Drittijiet tal-Użufrutt tal-Minjieri għandu jkun meħtieġ iħallas it-tariffa għas-sena sħiħa tal-użufrutt li fiha jkunu ntilfu dawn id-drittijiet. Jekk, madankollu, id-drittijiet tal-użufrutt tal-minjieri jintilfu b'riżultat tal-irtirar tal-konċessjoni jew għal raġunijiet speċifikati fit-Taqsima 9(1), (3) jew (4), id-Detentur tad-Drittijiet tal-Użufrutt tal-Minjieri għandu jħallas it-tariffa għall-perjodu kollu tal-użufrutt speċifikat fit-Taqsima 2(1) u (2), b'kunsiderazzjoni tas-sena ta' qabel it-terminazzjoni tal-ftehim. It-tariffa għandha titħallas fi żmien 30 jum mid-data li fiha jintilfu d-drittijiet tal-użufrutt tal-minjieri. It-telf tad-drittijiet tal-użufrutt m'għandux jeħles lid-Detentur tad-Drittijiet tal-Użufrutt tal-Minjieri minn obbligi ambjentali relatati mas-suġġett tad-drittijiet tal-użufrutt tal-minjieri, b'mod partikolari l-obbligi relatati mal-protezzjoni tad-depożiti.

7. Id-Detentur tad-Drittijiet tal-Użufrutt tal-Minjieri għandu jħallas it-tariffa għad-drittijiet tal-użufrutt tal-minjieri fil-kont bankarju tal-Ministeru tal-Ambjent fil-Fergħa ta' Varsavja tal-Bank Nazzjonali tal-Polonja, Nru 07 1010 1010 0006 3522 3100 0000, għall-istabbiliment ta' drittijiet tal-użufrutt tal-minjieri f'konnessjoni ma' konċessjoni għall-prospettar u l-esplorazzjoni ta' depożiti ta' żejt u gass naturali u l-estrazzjoni ta' żejt u gass naturali fiż-żona ta' "Wolin".

   Id-data tal-ħlas għandha tkun id-data li fiha l-fondi jiġu kkreditati lill-kont tat-Teżor tal-Istat.

8. It-tariffa speċifikata fil-paragrafu 1 m'għandhiex tkun soġġetta għal taxxa fuq il-prodotti u s-servizzi (VAT). Jekk il-leġiżlazzjoni tiġi emendata b'mod li l-attivitajiet li huma s-suġġett ta' dan il-ftehim huma soġġetti għal tassazzjoni, l-ammont tat-tariffa għandu jiżdied bl-ammont tat-taxxa dovuta.

9. It-Teżor tal-Istat għandu jinnotifika lid-Detentur tad-Drittijiet tal-Użufrutt tal-Minjieri bil-miktub bit-tibdil fin-numru tal-kont imsemmi fil-paragrafu 7.

10. Id-Detentur tad-Drittijiet tal-Użufrutt tal-Minjieri għandu jibgħat kopji ta' prova tal-ħlas tat-tariffa msemmijin fil-paragrafu 1 lit-Teżor tal-Istat fi żmien sebat ijiem mid-data tal-ħlas tat-tariffa għall-istabbiliment tad-drittijiet tal-minjieri.

Taqsima 7

Wara li d-Detentur tad-Drittijiet tal-Użufrutt tal-Minjieri jikseb deċiżjoni dwar investiment li tispeċifika l-kondizzjonijiet għall-estrazzjoni ta' żejt u gass naturali, il-partijiet għandhom, fi żmien 30 jum mid-data tad-deċiżjoni, jiffirmaw anness għal dan il-ftehim li jispeċifika l-kondizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-ftehim waqt il-faži tal-estrazzjoni.

Taqsima 8

Id-Detentur tad-Drittijiet tal-Użufrutt tal-Minjieri jista' jeżerċita d-drittijiet tal-użufrutt tal-minjieri stabbiliti fit-Taqsima 1(1) biss wara li jikseb kunsens bil-miktub mit-Teżor tal-Istat.

Taqsima 9

1. Jekk id-Detentur tad-Drittijiet tal-Użufrutt tal-Minjieri jikser l-obbligi stabbiliti fil-ftehim, it-Teżor tal-Istat jista', soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 3 u 4, itemm il-ftehim b'effett immedjat, u d-Detentur tad-Drittijiet tal-Użufrutt tal-Minjieri ma jkun intitolat jagħmel l-ebda talba fuq il-proprjetà. Madankollu, il-ftehim m'għandux jintemm jekk id-Detentur tad-Drittijiet tal-Użufrutt tal-Minjieri jikser l-obbligi skont il-ftehim minħabba *force majeure*.

2. Jekk il-ftehim jintemm għar-raġunijiet speċifikati fil-paragrafu 1, id-Detentur tad-Drittijiet tal-Użufrutt tal-Minjieri għandu jħallas lit-Teżor tal-Istat penali kuntrattwali ta' 25 % tat-tariffa għall-perjodu sħiħ tal-użufrutt speċifikat fit-Taqsima 2(1) u (2), soġġett għall-indiċjar għas-sena preċedenti għas-sena li fiha jintemm il-ftehim.

3. Jekk id-Detentur tad-Drittijiet tal-Użufrutt tal-Minjieri idum iktar minn sebat ijiem biex iħallas it-tariffa lil hinn mill-iskadenzi speċifikati fit-Taqsima 6(1) jew (2), it-Teżor tal-Istat għandu jitlob lid-Detentur tad-Drittijiet tal-Użufrutt tal-Minjieri jħallas it-tariffa pendenti fi żmien sebat ijiem mill-irċevuta tat-talba, u jekk jonqos milli jagħmel dan il-ftehim jintemm b'effett immedjat.

4. It-Teżor tal-Istat jista' jtemm il-ftehim kompletament jew parzjalment billi jagħti avviż ta' 30 jum, b'effett minn tmiem ix-xahar kalendarju, jekk id-Detentur tad-Drittijiet tal-Użufrutt tal-Minjieri ma jinfurmax lit-Teżor tal-Istat biċ-ċirkostanzi msemmijin fit-Taqsima 3(2) fi żmien 30 jum minn meta jseħħu.

5. Id-Detentur tad-Drittijiet tal-Użufrutt tal-Minjieri għandu jkun marbut bil-ftehim sad-data li fiha l-konċessjoni tintemm u ma jistax jittermina l-ftehim.

6. Il-ftehim għandu jintemm bil-miktub, u jekk dan ma jsirx it-terminazzjoni ma tkunx valida.

7. Il-partijiet jiftiehmu li jekk it-Teżor tal-Istat jittermina l-ftehim, it-tariffa mħallsa għad-drittijiet tal-użufrutt tal-minjieri, imsemmija fit-Taqsima 6(1), m'għandhiex tiġi rimborżata.

8. It-Teżor tal-Istat jirriżerva d-dritt li jfittex kumpens b'eċċess tal-ammont ta' penali kuntrattwali fuq termini ġenerali jekk l-ammont tal-ħsara li jsofri t-Teżor tal-Istat jeċċedi l-penali kuntrattwali.

Taqsima 10

Fl-eventwalità ta' *force majeure*, il-partijiet għandhom minnufih jagħmlu kull sforz biex jiftiehmu dwar kors ta' azzjoni. "*Force majeure*" għandha tfisser avveniment mhux mistenni li jaffettwa b'mod dirett lid-Detentur tad-Drittijiet tal-Użufrutt tal-Minjieri, jipprevjeni t-twettiq tal-attivitajiet li jinsabu fil-ftehim u li ma jistax ikun previst jew evitat.

Taqsima 11

Id-Detentur tad-Drittijiet tal-Użufrutt tal-Minjieri jista' japplika għall-estensjoni tal-ftehim, kompletament jew parzjalment, u għandu jagħmel dan bil-miktub, u jekk jonqos li jagħmel dan l-applikazzjoni tkun invalida.

Taqsima 12

Jekk il-ftehim jiġi tterminat, id-Detentur tad-Drittijiet tal-Użufrutt tal-Minjieri ma għandu jkun intitolat jagħmel l-ebda talba kontra t-Teżor tal-Istat għal żieda fil-valur tas-soġġett tad-drittijiet tal-użufrutt tal-minjieri.

Taqsima 13

Kwalunkwe tilwima li tinħoloq mill-ftehim għandha tiġi riżolta mill-qorti ordinarja li jkollha ġurisdizzjoni fuq is-sede tat-Teżor tal-Istat.

Taqsima 14

Fil-kwistjonijiet mhux regolati mill-ftehim għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-Liġi Ġeoloġika u tal-Minjieri u tal-Kodiċi Ċivili, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw il-kera.

Taqsima 15

Id-Detentur tad-Drittijiet tal-Użufrutt tal-Minjieri għandu jġarrab l-ispejjeż tal-konklużjoni tal-ftehim.

Taqsima 16

L-emendi għall-ftehim għandhom isiru bil-miktub, u jekk dan ma jsirx m'għandhomx ikunu validi.

Taqsima 17

Dan il-ftehim tfassal fi tliet kopji identiċi (kopja għad-Detentur tad-Drittijiet tal-Użufrutt tal-Minjieri u żewġ kopji għall-Ministru għall-Ambjent).

It-Teżor tal-Istat **Id-Detentur tad-Drittijiet tal-Użufrutt tal-Minjieri**